MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tal-5 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 759/2003

**Mirage Holdings Limited**

**Vs**

**Saviour Scerri**

**It-Tribunal**

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tal-konvenut ghall-hlas ta' Lm302.00c (tliet mija u zewg liri Maltin) rappresentanti in kwantu ghas-somma ta' Lm100.00c (mitt lira Maltin) import ta' erba' (4) kambjali annessi ma' l-Avviz u mmarkati bhala dokumenti 1, 2, 3 u 4 u li d-data tal-maturita' taghhom skadiet, in kwantu ghas-somma ta' Lm190.00c (mija u disghin lira Maltin) bhala prezz ghal merkanzija mibjugha lill-konvenut u kkonsenjata, u in kwantu ghas-somma ta' Lm12.00c (tnax-il lira Maltin) bhala imghaxijiet legali dovuti mill-konvenut sad-data tal-presentata tal-Avviz.

Bl-ispejjez u bl-imghaxijiet legali ulterjuri mid-data tal-presentata tal-Avviz sad-data tal-effettiv pagament kontra l-konvenut li gie ngunt ghas-subizzjoni.

Ra li l-konvenut baqa' kontumaci;

Sema' li l-ammont ghadu dovut;

Fic-cirkostanzi, t-Tribunal jilqa' t-talbiet attrici, kif kontenuti bl-ispejjez u l-interessi skond il-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------